



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

2013/0128(COD)

11.10.2013

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

għall-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tipprevedi assistenza makrofinanzjarja lir-Renju Ħaxemita tal-Ġordan (COM(2013)0242 – C7-0119/2013 – 2013/0128(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Annemie Neyts-Uyttebroeck

PA_Legam

EMENDI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin jistieden lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) Ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea (“l-Unjoni”) u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan (“il-Ġordan”) qegħdin jiżviluppaw fi ħdan il-qafas tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV). Ftehim ta’ Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u tal-Ġordan, min-naħa l-oħra, daħal fis-seħħ f’Mejju 2002. Id-djalogu politiku u l-kooperazzjoni ekonomika bilaterali koplew jiżviluppaw fi ħdan il-qafas tal-Pjanijiet ta’ Azzjoni tal-PEV, li l-aktar reċenti jkopru l-perjodu 2010-2015. Fl-2010, l-Unjoni tat lill-Ġordan sħubija ta’ “Status Avvanzat”, li twessa’ l-ambitu tal-kooperazzjoni ta’ bejn iż-żewġ pajjiżi.

Emenda

(1) Ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea (“l-Unjoni”) u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan (“il-Ġordan”) qegħdin jiżviluppaw fi ħdan il-qafas tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV). Ftehim ta’ Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u tal-Ġordan, min-naħa l-oħra, daħal fis-seħħ f’Mejju 2002. Id-djalogu politiku u l-kooperazzjoni ekonomika bilaterali koplew jiżviluppaw fi ħdan il-qafas tal-Pjanijiet ta’ Azzjoni tal-PEV, li l-aktar reċenti jkopru l-perjodu 2010-2015. Fl-2010, l-Unjoni tat lill-Ġordan sħubija ta’ “Status Avvanzat”, li twessa’ l-ambitu tal-kooperazzjoni ta’ bejn iż-żewġ pajjiżi. ***Fl-2013 il-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ġordan, min-naħa l-oħra, ġie kkomplementat minn Ftehim Qafas bejn l-Unjoni u l-Ġordan dwar il-prinċipji ġenerali għall-partekipazzjoni tal-Ġordan fil-programmi tal-Unjoni, b’mod li jgħib ‘il quddiem il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u l-Ġordan.***

Emenda 2

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

(2) L-ekonomija tal-Ġordan kienet affettwata b'mod sinifikanti minn avvenimenti domestiċi relatati ma' avvenimenti fin-Nofsinhar tal-Mediterran sa minn tmiem l-2010, magħrufa bħala “r-Rebbiegħa Għarbija”, kif ukoll mill-inkwiet reġjonali li ma jaqtax, b'mod partikolari fl-Eġittu u s-Sirja, il-pajjiżi ġirien. ***Flimkien ma'*** ambjent globali aktar dgħajjef, it-tfixkil ripetut fil-fluss tal-gass naturali mill-Eġittu li wassal biex il-Ġordan ***jissostitwixxu*** l-importazzjonijiet tal-gass mill-Eġittu ***għal*** fjuwils aktar għolin għall-ġenerazzjoni tal-elettriku, u ***l-fluss qatigħ tar-refuġjati*** mis-Sirja, ***rriżultaw*** f' diskrepanzi finanzjarji importanti esterni kif ukoll baġitarji.

Emenda

(2) L-ekonomija tal-Ġordan kienet affettwata b'mod sinifikanti minn avvenimenti domestiċi relatati ma' avvenimenti fin-Nofsinhar tal-Mediterran sa minn tmiem l-2010, magħrufa bħala “r-Rebbiegħa Għarbija”, kif ukoll mill-inkwiet reġjonali li ma jaqtax, b'mod partikolari fl-Eġittu u s-Sirja, il-pajjiżi ġirien. ***B'mod partikolari, l-influss kbir ta' refuġjati mis-Sirja li fittxew kenn fil-Ġordan qed ikollu impatt qawwi fuq l-ekonomija tal-Ġordan. Fil-kuntest ta'*** ambjent ***ekonomiku*** globali ***ħafna*** aktar dgħajjef, it-tfixkil ripetut fil-fluss tal-gass naturali mill-Eġittu, li wassal biex il-Ġordan ***jissostitwixxi*** importazzjonijiet tal-gass mill-Eġittu ***bi*** fjuwils aktar għoljin għall-ġenerazzjoni tal-elettriku, u ***r-riżorsi finanzjarji sinifikanti meħtieġa biex jipprovdu assistenza umanitarja lir-refuġjati*** mis-Sirja ***li huma preżenti fit-territorju tal-Ġordan, irriżultaw*** f' diskrepanzi finanzjarji importanti esterni kif ukoll baġitarji.

Emenda 3

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

(3a) Minħabba l-pożizzjoni ġeografika tiegħu, il-Ġordan huwa pajjiż strateġiku għall-istabbiltà u s-sigurtà fil-Lvant Nofsani, kif ukoll partikolarment vulnerabbli għax-xokkijiet esterni, kemm mil-lat politiku kif ukoll minn dak ekonomiku. Għalhekk huwa importanti li l-Ġordan jingħata appoġġ adegwat u li d-

Emenda

djalogu politiku u ekonomiku bejn l-Unjoni u l-Ġordan jingiebs 'il quddiem.

Emenda 4

Proposta għal deċiżjoni Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) Il-Ġordan beda *sensiela* ta' riformi politiċi, li b'mod speċjali wasslu għall-adozzjoni mill-Parlament tal-Ġordan, f' Settembru 2011 għal aktar minn 40 emenda kostituzzjonali, li jirrappreżentaw pass sinifikanti lejn sistema demokratika b'mod sħiħ. L-appoġġ politiku u ekonomiku mill-Unjoni *lill-proċess* ta' riforma tal-Ġordan huwa konsistenti mal-politika tal-Unjoni għan-Nofsinhar tar-reġjun Mediterranju, kif stabbilit fil-kuntest tal-PEV.

Emenda

(4) ***Taħt il-gwida tal-Maestà Tiegħu r-Re Abdullah II***, il-Ġordan beda *proċess estensiv* ta' riformi politiċi, li b'mod speċjali wasslu għall-adozzjoni mill-Parlament tal-Ġordan, f' Settembru 2011 għal aktar minn 40 emenda kostituzzjonali, li jirrappreżentaw pass sinifikanti lejn sistema demokratika b'mod sħiħ. ***Xorta għad hemm sfidi għad-drittijiet tal-bniedem u għal-libertà fundamentali, b'mod partikolari rigward il-libertà ta' espressjoni u l-libertajiet diġitali. Huwa importanti li l-proċess tar-riformi jiġi appoġġjat. Għalhekk, l-appoġġ politiku u ekonomiku mill-Unjoni għall-proċess ta' riforma tal-Ġordan mhux biss huwa konsistenti mal-politika tal-Unjoni għan-Nofsinhar tar-reġjun Mediterranju, kif stabbilit fil-kuntest tal-PEV, imma huwa wkoll fl-interess tal-Unjoni.***

Emenda 5

Proposta għal deċiżjoni Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

(7a) ***Il-Ġordan għandu jitqies eliġibbli li jirċievi l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni, b'kunsiderazzjoni tal-fatt li huwa pajjiż kopert bil-PEV. F'dan il-kuntest, huwa importanti li nibqgħu nippromwovu kooperazzjoni u djalogu mill-qrib mal-Ġordan bil-għan li nsaħħu l-istabbiltà demokratika, politika u ekonomika tal-***

Emenda

Ġordan.

Emenda 6

**Proposta għal deċiżjoni
Premessa 9a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(9a) L-assistenza makrofinanzjarja tal-UE lill-Ġordan trid tkun taqbel mal-prinċipji ġenerali li jirfdu l-azzjoni esterna tal-UE u tappoġġja d-drittijiet u l-valuri fundamentali li l-UE tippromwovi permezz tal-azzjoni esterna tagħha, bħad-demokrazija, l-istat tad-dritt, il-governanza tajba u d-drittijiet tal-bniedem.

Emenda 7

**Proposta għal deċiżjoni
Premessa 9b (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(9b) Bil-għan li jiżguraw il-koerenza tal-passi li jittieħdu, il-Kummissjoni u s-SEAE għandhom jikkonsultaw ma' xulxin qabel jimplimentaw kwalunkwe operazzjoni ta' assistenza makrofinanzjarja.

Emenda 8

**Proposta għal deċiżjoni
Premessa 10**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10) L-objettivi speċifiċi tal-assistenza

(10) L-objettivi speċifiċi tal-assistenza

makrofinanzjarja tal-Unjoni għandhom ikunu sabiex jissaħħu l-effiċjenza, it-trasparenza u r-responsabbiltà fis-sistemi tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi fil-Ġordan, u sabiex jiġu promossi r-riformi strutturali li għandhom l-għan li jappoġġjaw it-tkabbir sostenibbli u inklussiv, il-ħolqien tax-xogħol u l-konsolidazzjoni fiskali. Il-Kummissjoni għandha tagħmel monitoraġġ regolari fuq dawn l-oġġettivi.

makrofinanzjarja tal-Unjoni għandhom ikunu sabiex jissaħħu l-effiċjenza, it-trasparenza u r-responsabbiltà fis-sistemi tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi fil-Ġordan, u sabiex jiġu promossi r-riformi strutturali li għandhom l-għan li jappoġġjaw it-tkabbir sostenibbli u inklussiv, il-ħolqien tax-xogħol u l-konsolidazzjoni fiskali. Il-Kummissjoni għandha tagħmel monitoraġġ regolari fuq ***l-implimentazzjoni ta'*** dawn l-oġġettivi.

PROCĊEDURA

Titolu	Assistenza makrofinanzjarja għar-Renju Ħaxemita tal-Ġordan
Referenzi	COM(2013)0242 – C7-0119/2013 – 2013/0128(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	INTA 23.5.2013
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AFET 23.5.2013
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Annemie Neyts-Uyttebroeck 30.5.2013
Data tal-adozzjoni	10.10.2013
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 40 –: 2 0: 10
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Bastiaan Belder, Elmar Brok, Jerzy Buzek, Tarja Cronberg, Arnaud Danjean, Mark Demesmaecker, Marietta Giannakou, Ana Gomes, Andrzej Grzyb, Richard Howitt, Liisa Jaakonsaari, Anneli Jäätteenmäki, Jelko Kacin, Tunne Kelam, Nicole Kiil-Nielsen, Maria Eleni Koppa, Andrey Kovatchev, Paweł Robert Kowal, Eduard Kukan, Vytautas Landsbergis, Krzysztof Lisek, Sabine Lösing, Marusya Lyubcheva, Willy Meyer, Annemie Neyts-Uyttebroeck, Ioan Mircea Pașcu, Alojz Peterle, Tonino Picula, Mirosław Piotrowski, Bernd Posselt, Hans-Gert Pötering, Cristian Dan Preda, Tokia Saïfi, György Schöpflin, Werner Schulz, Sophocles Sophocleous, Laurence J.A.J. Stassen, Davor Ivo Stier, Charles Tannock, Nikola Vuljanić, Sir Graham Watson, Karim Zėribi
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Charalampos Angourakis, Jean-Jacob Bicep, Andrew Duff, Hėlėne Flautre, Elisabeth Jeggle, Dominique Vlasto, Paweł Zalewski
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Vojtěch Mynář, Andreas Pitsillides, Vilja Savisaar-Toomast